# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 29 ta' Novembru, 2019.**

**Numru 9**

**Rikors numru 89/15MH**

**Av. Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza tal-imsiefer Stephen Martin**

**v.**

**Avukat Generali**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell maghmul mir-rikorrent l-Avukat Larry Formosa ghan-nom u in rapprezentanza ta' Stephen Martin [ir-rikorrent] mis-sentenza moghtija fil-15 ta' Frar 2019 [is-sentenza appellata], mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti], li permezz taghha dik il-Qorti filwaqt li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat l-Avukat Generali u laqghet l-eccezzjonijiet l-ohra

tieghu, cahdet it-talbiet kollha tar-rikorrent ghal dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, bl-ispejjez ghajr dawk tal-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat l-Avukat Generali.

Fatti

2. Ir-rikorrent kien qieghed hawn Malta fuq btala ma' shabu meta, filwaqt li kienu qeghdin ighoddsu, mietu tnejn minnhom Larissa Hooley u Nigel William Haynes. Infethet Inkjesta Magisterjali [l-Inkjesta] fejn tqabbad Dr. Mario Saliba bhala wiehed mill-esperti, u fil-konkluzjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-10 ta' Novembru 2014 dik il-Qorti sabet li *"hemm ragunijiet sufficjenti ghaliex ghandhom jittiehdu passi kontra r-rikorrent"*[1] ghall-mewt taghhom u ghalhekk inhareg Mandat ta' Arrest Ewropew [il-Mandat] fil-konfront tieghu gewwa l-Ingilterra fejn kien irritorna lejn daru. Il-Mandat gie revokat mill-istess Qorti fit-18 ta' Jannar 2016[2]. Fl-istess gurnata l-intimat l-Avukat Generali kiteb lill-awtoritajiet l-Ingilterra fejn infurmahom bir-revoka tal-Mandat u spjega li r-raguni kienet li *"…following a re-examination of the evidence available in the reports of the Magisterial Inquiry and the subsequent order issued by the Attorney General in terms of article 569(6) of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta, ordering that no prosecution will be initiated against*

[1] Fol.151
[2] Kopja digriet a fol. 79.

*Stephen John David Martin on the basis of the conclusions of the same Magisterial Inquiry."*[3].

Mertu

3. Illi r-rikorrent fetah dawn il-proceduri permezz ta' rikors li hu pprezenta fl-14 ta' Dicembru 2015, fejn talab lill- ewwel Qorti:

> "1. Tiddikjara illi l-fatt li tqabbad espert li ma kienx kompetenti sabiex jirrelata fuq materja li ma kinitx taqa' fil-kompetenza tieghu kiser id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti senjatament l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
> "2. Tiddikjara illi r-rifjut tal-Avukat Generali li jghaddi kopja tar-rapport tal-inkjesta jikser id-drittijiet fondamentali tieghu senjatament l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
> "3. Tiddikjara li l-procedura adottata mill-espert Dr. Mario Saliba fit-tehid tal-istqarrija tar-rikorrenti waqt l-inkjesta magisterjali, lleddiet id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti, senjatament l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;
> "4. Taghti dawk ir-rimedji kollha li jidhrilha xieraq u opportuni fosthom dawk li tiddikjara l-inkjesta magisterjali u l-proceduri kriminali sussegwenti bhala monka bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tar-rikorrenti.
> "5. Tordna l-hlas ta' kumpens xieraq ghall-ksur tad-Drittijiet Fundamentali tieghu."

4. L-intimat l-Avukat Generali fir-risposta tieghu eccepixxa li, preliminarjament (a) ir-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji; fil-mertu eccepixxa li (b) fl-istadju tal-Inkjesta mhumiex applikabbli Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni

[3] A fol. 78 tal-process.

Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]; (c) li l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghal diversi ragunijiet inkluz li (i) il-hatra tal-espert Dr. Mario Saliba u wkoll il-perizja mhejjija minnu saru skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u r-rikorrent seta' jqajjem kull eccezzjoni fir-rigward quddiem il-Qorti Kriminali kompetenti wara li johorgu akkuzi kontra tieghu; (ii) skond l-Artikolu 518 tal-istess kodici, hu fid-diskrezzjoni tal-intimat l-Avukat Generali li jigi determinat jekk il-processi verbali u kull xhieda u dokumenti mdahhlin maghhom ghandhomx jintwerew u jinghataw kopji taghhom.

Is-Sentenza Appellata

5. Is-sentenza appellata qeghda tigi annessa bhala Appendici A.

L-appell tar-rikorrent nomine

6. Ir-rikorrent appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti fejn ressaq tliet aggravji li jirrigwardaw: [A] nuqqas ta' kompetenza ta' uhud mill-esperti nominati mill-Magistrat Inkwerenti; [B] ir-rifjut tal-Avukat Generali li jghaddi kopja tal-process verbal lill-appellant; [C] il-procedura addottata mill-espert Dr.Mario Saliba fit-tehid tal-istqarrija kienet monka.

Ir-risposta tal-appell tal-intimat l-Avukat Generali.

7. Fir-risposta tieghu l-intimat l-Avukat Generali, filwaqt li jghid li s-sentenza appellata hi gusta u timmerita konferma, iwiegeb hekk ghal aggravji mressqa mir-rikorrent: li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ddecidiet li l-lanjanza tar-rikorrent kienet tmur oltre l-kompetenza kostituzzjonali taghha; li l-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali huwa intiz sabiex jinzammu kunfidenzjali kemm jista' jkun l-atti tal-inkjesta magisterjali biex ma jigux pregudikati investigazzjonijiet ulterjuri, izda f'kwalunkwe kaz ir-rikorrent kien eventwalment inghata kopja tar-rapport tal-inkjesta fit-28 ta' Dicembru 2015; li l-ilment dwar il-mod tat-tehid tal-istqarrija tieghu mit-Tabib Mario Saliba huwa ta' indoli kriminali u ghalhekk f'kaz li jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent, hu kellu jressaq dan l-ilment f'dawk il-proceduri; li l-ewwel Qorti sewwa ddecidiet li ma kienx hemm ksur tad-dritt tas-smigh xieraq meta r-rikorrent nomine ma kienx assistit minn avukat waqt it-tehid tal-istqarrija tieghu galadarba dik l-istqarrija ma ntuzatx f'proceduri kriminali kontrih.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mir-rikorrent u wkoll ir-risposta pprezentata mill-intimat l-Avukat Generali bi twegiba ghall-appell tar-rikorrent.

*L-Ewwel Aggravju [Kompetenza tal-Espert]*

9. Ir-rikorrent jissottometti li l-ewwel Qorti ma kkunsidratx dan l-ilment kif maghmul izda kkunsidratu taht l-aspett ta' zball procedurali jew zball ta' interpretazzjoni ta' disposizzjoni tal-ligi jew li l-Magistrat Inkwerenti kienet fehmet hazin disposizzjoni tal-ligi jew fatt quddiemha. Jispjega li l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni japplikaw ukoll fil-kaz ta' inkjesta maghmula mill-Magistrat Inkwerenti ghaliex, ghalkemm dan ma jiddecidix dwar htija o meno, l-akkuzi kriminali li eventwalment jistghu jittiehdu fuq il-provi li jirrizultaw fl-inkjesta jigu imfassla fuq il-kontenut tal-inkjesta.

10. Dwar il-kompetenza tal-espert mahtur, ir-rikorrent, filwaqt li jaccetta li l-Magistrat Inkwerenti ghandu d-diskrezzjoni li ma jistriehx fuq il-konkluzjonijiet tal-perit tekniku, izda fil-parti l-kbira tal-kazijiet huwa jistrieh fuq il-kontenut tar-rapport tekniku kif gara fil-kaz odjern. Jekk imbaghad jirrizulta li l-espert jew esperti mahtura fid-diskrezzjoni tal-Magistrat Inkwerenti ma kinux kompetenti sabiex jirrelataw fil-materja, dan jikkomprometti b'mod inaccettabili il-konkluzjoni tal-process verbal bi pregudizzju tal-individwu koncernat, li f'dan il-kaz hu r-rikorrent. Min-naha taghha l-ewwel Qorti naqset milli tidhol fil-kompetenza tat-Tabib Mario Saliba meta l-provi mressqa kienu aktar minn bizzejjed.

11. L-intimat l-Avukat Generali jaqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-ilment tar-rikorrent jezorbita mill-kompetenza kostituzzjonali taghha ghaliex mhijiex il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tal-Magistrat Inkwerenti li mexxiet l-Inkjesta. Fil-fehma tieghu l-ilment tar-rikorrent jezorbita mill-garanzija procedurali ta' smigh xieraq kif sancit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni. Kemm l-Artikolu 39 kif ukoll l-Artikolu 6 jikkontemplaw biss garanziji ta' natura procedurali u ma jirregolawx kwistjonijiet tas-sustanza tal-mertu fejn il-kwistjoni kienet tirrigwarda jekk decizjoni ghall-hatra ta' espert kinitx wahda gusta.

12. L-ewwel Qorti tghid li l-punt tat-tluq tal-proceduri quddiemha kien li, minkejja l-poteri wesghin taghha, qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali ma kellhiex poteri mhux imrazna. Mhijiex kompetenti li tiddeciedi jekk il-qrati ordinarji kkommettewx zball ta' ligi jew ta' fatt fid-decizjonijiet taghhom, aktar u aktar li tissindika l-ghazla ta' espert maghmula mill-Magistrat Inkwerenti, li tkun saret skond il-ligi u skond dak li kien dehrilha ta' kompetenza teknika mehtiega ghall-inkarigu moghti lilha. Ikkunsidrat li r-rikorrent ressaq f'dawn il-proceduri zewg xhieda li spjegaw il-kompetenza li, fil-fehma taghhom, ghandu jkollu espert tekniku li jigi mqabbad mill-qorti f'kazijiet bhal dawn in dizamina, u ddikjarat li, ghalkemm tirrispetta l-opinjoni ta' dawn ix-xhieda, din kienet wahda soggettiva u ma setghetx tinghata valur ikbar jew ahjar mid-diskrezzjoni

tal-Magistrat Inkwerenti fl-ghazla tal-espert fil-kaz odjern. Jista' jkun li hemm persuni b'aktar esperjenza jew kwalifiki izda b'daqshekk ma jfissirx necessarjament li l-hatriet maghmula mill-Magistrat Inkwerenti huma zbaljati. Osservat li l-garanzija ta' smigh xieraq hi garanzija procedurali u, galadarba l-Inkjesta kienet konformi mal-provvedimenti tal-Kodici Kriminali, ukoll fl-ghazla tal-espert tekniku, allura l-argument tar-rikorrenti ma setax iregi. L-ewwel Qorti ddikjarat ukoll li kienet qeghda taghmilha cara li l-istess rikorrent ma kellu l-ebda dritt skond il-Kostituzzjoni u wkoll skond il-Konvenzjoni li jiddetta hu min kien kompetenti ghall-inkarigu ghajr il-Magistrat Inkwerenti nnifisha.

13. Din il-Qorti tibda bl-osservazzjoni li mhijiex il-funzjoni taghha li tissindika d-diskrezzjoni tal-Magistrat Inkwirenti dwar il-hatra tal-esperti teknici li l-magistrat ihoss li ghandu bzonn biex jghinuh fl-inkjesta, senjatament dwar il-kompetenza taghhom. Dak li jirrikjedi d-dritt ta' smigh xieraq hu li, fi proceduri gudizzjarji, kull parti jkollha d-dritt li tressaq l-argumenti taghha u taghmel il-kontestazzjonijiet fil-parametri tal-ligi. Ghalhekk il-kompetenza tal-espert mahtur hija materja li tigi deciza minn qorti gudikanti jekk din il-materja tigi sollevata quddiemha.

14. Issa fil-kaz prezenti, ghalkemm il-Magistrat Inkwirenti waslet ghall-konkluzjoni negattiva fil-konfront tar-rikorrent, b'daqshekk ma jfissirx li, f'dan l-istadju ta' inkjesta, fejn allura ghad m'hemmx persuna akkuzata,

ir-rikorrent jista' jattakka l-kompetenza tal-espert nominat permezz ta' proceduri kostituzzjonali. Wara kollox, kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz *"Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Calleja*[4]*,* il-Magistrat Inkwirenti mhuwiex Qorti u fil-kaz odjern il-Magistrat Inkwirenti ma iddeciditx dwar il-htija o meno tar-rikorrent jew tat xi ordni sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu, imma illimitat ruhha billi tat l-opinjoni taghha dwar ir-rizultanzi tal-inkjesta. Spetta imbaghad ghall-Kummissarju tal-Pulizija li, wara li jezamina l-atti tal-inkjesta, jiddeciedi, anke wara li jkun ikkonsulta mal-Avukat Generali, jekk ghandhomx jittiehdu passi kriminali kontra l-persuna jew persuni indikati fl-inkjesta.[5] Fil-kaz odjern l-Avukat Generali iddecieda li ma jittihdux passi kriminali kontra r-rikorrent ghall-akkadut u ghalhekk ma gewx istitwiti proceduri kriminali bir-rizultat li ma jistax validament jinghadli d-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq gie jew x' aktarx ser jigi.

15. Apparti mill-premess, hija korretta l-ewwel Qorti fl-osservazzjoni taghha li, l-fatt li fil-kaz odjern tressqu zewg xhieda mir-rikorrent li

[4] Citat fis-sentenza appellata

[5] Art.569 [5] u [6] tal-Kodici Kriminali li jaqraw hekk: " (5) Meta fi proċess verbal il-maġistrat ikun ordna li persuna tiġi mressqa quddiem il-qorti fuq xi akkuża waħda jew aktar, il-Maġistrat għandu jordna li kopja tal-istess proċess verbal tintbagħat mir-reġistratur lill-Kummissarju tal-Pulizija li, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6), għandu jipproċedi skont hekk.
"(6) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5), f'każ ta' dubju l-Kummissarju tal-Pulizija jista' jikkonsulta ruħu mal-Avukat Ġenerali li jista' jordna li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri jew li l-proċeduri li għandhom jittieħdu għandhom ikunu għal akkuża jew għal akkuzi differenti minn dawk speċifikati mill-Maġistrat fil-proċess verbal, mingħajr preġudizzju għall-jedd tal-Avukat Ġenerali li jordna xort'oħra kulmeta jkun hemm provi ġodda: Iżda jekk l-Avukat Ġenerali jkun ordna li ma għandhom jittieħdu ebda proċeduri, huwa għandu jibgħat rapport lill-President ta' Malta fejn jiddikjara r-raġunijiet għaliex ikun għamel dan."

ddikjaraw li fil-fehma taghhom l-espert nominat mill-Magistrat Inkwirenti ma kienx kompetenti sabiex jesegwixxi l-inkarigu lilu moghti, m'ghandux iwassal necessarjament ghall-konkluzjoni li l-espert hekk nominat kien fil-fatt inkompetenti. Jispetta lill-Magistrat Inkwirenti li jara li l-persuni inkarigati minnu biex jghinuh fl-inkjesta jkunu kompetenti ghall-inkarigu moghti lilhom u dan jista' jigi kontestat biss fil-proceduri kriminali talvolta li jittiehdu.

16. Finalment huwa opportun li jinghad li l-fatt li fuq il-konkluzjoni tal-Magistrat Inkwirenti kien hareg mandat ta' arrest fil-konfront tar-rikorrent, ma jaghtix sostenn lit-tezi tieghu li huwa ghandu d-dritt jikkontesta l-kompetenza tal-esperti inkarigati, quddiem din il-Qorti u jitlob kumpens ghall-pregudizzju li sofra ladarba ma ittihdux proceduri kriminali kontra tieghu.

17. Ghaldaqstant din il-Qorti ma ssibx dan l-aggravju gustifikat u ghalhekk qed tichdu.

*It-tielet aggravju: [il-procedura adottata mill-espert tekniku fit-tehid tal-istqarrija fil-qafas ta' dritt ghal smigh xieraq]*

18. Ir-rikorrent jissottometti li, kuntrarjament ghal dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, il-prassi f'kazijiet simili hi li l-Pulizija iqabbdu esperti sabiex

jinterrogaw persuni nvoluti u sahansitra jamministraw il-gurament, qabel ma ssir in-nomina proprja taghhom mill-Qorti. Jinsisti li dak li hu hazin jibqa' hazin minkejja li jibqa' jigi ripetut u lanqas ir-raguni ta' pratticita` ma tista' tigi accettata. Izid ighid li dak li hu null mill-bidu ma jistax jigi ratifikat permezz ta' digriet tal-qorti ghaliex hawn *si tratta* ta' proceduri li setghu jwasslu ghal azzjoni kriminali u ghalhekk huma ta' ordni pubbliku. Huwa jkompli jfisser hekk dan l-aggravju:

> "Ghar-rigward tal-fatt illi ghalkemm jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti taqbel mal-appellant illi d-dikjarazzjoni mehuda minghajr kawzjoni u minghajr assistenza hija leziva tad-dritt fundamentali tas-smigh xieraq izda ikkonkludiet illi ghalkemm dan jista' jkun il-kaz il-fatt li ma ttiehdux proceduri ma jirrizultax li hemm ksur tad-dritt fundamentali. Dawn huma proceduri illi gew registrati fl-atti tal-inkjesta illi minnhom infushom iwasslu ghal certu konkluzjonijiet illi jimmiraw akkuzi cari ta' htija kontra l-appellant, jista' u ghandu jkollhom effetti fuq id-drittijiet civili tal-appellant indipendentement mill-fatt jekk jittiehdux passi kriminali jew le u l-fatt biss illi l-Avukat Generali iddecieda li ma jittiehdux passi ma jinnewtralizzax il-possibilita` li fil-futur u qabel ma jghaddi z-zmien preskrittiv l-istess Avukat Generali jista' jibdel fehmtu.
>
> "Barra minn hekk, l-appellant huwa rinfaccat b'process verbal monk li jikkonkludi li hemm bizzejjed provi sabiex jittiehdu proceduri kriminali kontra l-appellant. Din il-konkluzjoni hija ta' detriment anke ghar-reputazzjoni tal-appellant li se jibqa' ghomru kollu jgorr il-konsegwenzi ta' tali konkluzjonijiet."

19. Dwar l-ilment tar-rikorrent li l-espert tekniku beda jespleta l-inkarigu tieghu qabel ma rcieva n-nomina formali tieghu, l-intimat l-Avukat Generali jissottometti li din il-kwistjoni hija purament ta' indoli kriminali u fl-eventwalita` li gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tieghu, ir-rikorrenti Martin kellu jqajjem dik il-kwistjoni f'dawk il-proceduri.

Madankollu rrizulta mill-provi migbura quddiem l-ewwel Qorti, u hawn jaghmel referenza specifika ghax-xhieda tat-Tabib Mario Saliba stess, li l-esperti jigu mahtura f'sitwazzjoni ta' urgenza massima u wara kollox fil-kaz odjern ma kienx jirrizulta li dak l-inkarigu ma sarx mill-Magistrat Inkwirenti, minkejja li l-espert, kif soltu jsir, jigi informat bil-hatra mill-Pulizija verbalment.

20. Dwar l-ilment tar-rikorrent Martin li kien hemm ksur tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq stante li ma kienx assistit minn avukat filwaqt li ghamel l-istqarrijiet tieghu, l-intimat l-Avukat Generali jghid li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ma sabitx l-ilment gustifikat ghar-raguni li l-istqarrija ma kinitx giet jew ser tigi utilizzata f'proceduri kriminali. Hu jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mill-*Grand Chamber* fl-ismijiet **Beuze v. Belgium** fejn ighid li f'dik id-decizjoni gew elenkati numri ta' fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta wiehed iqis il-proceduri fit-totalita` taghhom.

21. L-ewwel Qorti mill-ewwel tghid li l-argument tar-rikorrent Martin ma jregix u tispjega li, kif inhu maghruf, inkjesti magisterjali ghandhom jibdew mill-aktar fis possibli sabiex l-evidenza tigi migbura u preservata *a tempo vergine.* Ghalhekk kienet prassi maghrufa li l-esperti jigu nfurmati permezz ta' semplici telefonata dwar l-inkarigu taghhom qabel ma jinhareg id-digriet bil-miktub tal-qorti sabiex jibdew jaqdu l-inkarigu

taghhom immedjatament. Minkejja dan, ix-xhieda mehuda mit-Tabib Mario Saliba xorta wahda tibqa' tghodd.

22. Din il-Qorti tosserva li dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent li l-espert beda jahdem fuq l-incident qabel ma fil-fatt gie nominat formalment mill-Magistrat Inkwirenti ma tirrizultax mill-provi. Izda, anke kieku dan kien hekk, il-fatt li sussegwentement, generalment wara ftit tal-hin, l-magistrat irratifika l-operat tieghu permezz ta' digriet formali, ma jnaqqas xejn mid-drittijiet tar-rikorrent. Din il-Qorti ma tarax kif dak allegat mir-rikorrent jista' jaghti lok ghal lezjoni ta' dritt ta' smigh xieraq, la darba l-Magistrat Inkwirenti, ifformalizzat in-nomina tieghu permezz ta' digriet bil-miktub kif soltu jsir.

23. Dwar l-ilment ta' nuqqas ta' smigh xieraq minhabba li r-rikorrenti ma kienx inghata l-kawzjoni qabel m'ghamel l-istqarrija tieghu quddiem l-espert tekniku u lanqas ma kien assistit minn avukat, l-ewwel Qorti ddecidiet li galadarba x-xhieda guramentata tieghu qatt ma ntuzat f'proceduri kriminali r-rikorrent Martin ma sofra l-ebda pregudizzju u ma kien irrizulta l-ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu.

24. Din il-Qorti tibda sabiex tosserva li ghal dak li jirrigwarda l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, id-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jibdew jghoddu qabel il-kaz jitressaq quddiem qorti. L-insenjament tal-Qorti Ewropeja

f'dan ir-rigward gie espress fid-decizjoni fl-ismijiet **Imbrioscia vs Switzerland**[6]**:**

> "… Certainly the primary purpose of Article 6 (art. 6) as far as criminal matters are concerned is to ensure a fair trial by a "tribunal" competent to determine "any criminal charge", but it does not follow that the Article (art. 6) has no application to pre-trial proceedings. … Other requirements of Article 6(art.6) – especially of paragraph 3 (art. 6-3) – may also be relevant before a case is sent for trial if and in so far as the fairness of the trial is likely to be seriously prejudiced by an initial failure to comply with them".[7]

25. Aktar ricenti fil-kaz **Case of Beuze v. Belgium**[8] il- *Grand Chamber* tal-Qorti Ewropeja spjegat b'mod inekwivoku l-mument li fih tqis bniedem bhala soggett ta' akkuza kriminali:

> "119. … A "criminal charge" exists from the moment that an individual is officially notified by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence, or from the point at which his situation has been substantially affected by actions taken by the authorities as a result of a suspicion against him (see Ibrahim and Others, cited above, § 249, and Simeonovi, cited above, §§ 110-11, and the case-law cited therein)."

26. Din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-espert kien kellem lir-rikorrent dak in-nhar tal-incident u hadlu dikjarazzjoni. Sussegwentement, l-ghada l-espert kien mar l-ghassa, u fil-prezenza tal-ispettur tal-pulizija li kien qed jghin fl-investigazzjoni qara lir-rikorrent id-dikjarazzjoni u talbu biex jiggurementaha. Dan hekk ghamel. Ghalkemm

6 App. Nru. 13972/88, deciza 24 ta' Novembru 1993. Ara wkoll Q.Kost. 8/15, **Joseph Feilazoo vs Prim Ministru,** 13 ta' Novembru 2017.

7 Sottolinear ta' din il-Qorti

8 App. nru. 71409/10, deciza 9 ta' Novembru, 2018.

fix-xhieda taghhom l-ispettur u l-espert qalu li huma kienu taw t-twissija lir-rikorrent qabel ma iffirmaha u igguramentaha, ir-rikorrent jinnega li dan sar hekk. Din il-Qorti tinnota li fix-xhieda moghtija mir-rikorrent quddiem l-espert u l-ispettur ma hemmx indikat li kienet inghatatlu twissija. Izda din il-Qorti tissenjala li, anke jekk jigi accettat bhala veritier li r-rikorrent inghata t-twissija, il-fatt mhux kontestat li f'dak il-mument r-rikorrent ma kienx assistit minn avukat jirrendi dik l-istqarrija rilaxxjata gurnata wara l-incident, jigifieri fit-18 ta' Gunju 2014 monka, b'mod li jekk tigi wzata fi proceduri kriminali, id-dritt tieghu ghal smigh xieraq jista' jkun lez.

27. Din il-Qorti tosserva ulterjorment li, filwaqt li hija valida l-konsiderazzjoni li l-espert u l-pulizija bdew immedjatament bl-investigazzjoni billi jkellmu ftit tal-hin wara l-incident lil persuni involuti u ghalhekk f'dak l-istadju l-Qorti tifhem li peress li ma kienx car x'gara ma nghatawx twissijiet u ma gewx ikkuntatjati avukati biex jassistu lill-persuni li l-espert u l-pulizija kienu qed ikellmu dak il-hin fuq il-post, izda mill-provi jirrizulta li l-istqarrija giet moqrija lir-rikorrent li gie mitlub jiffirmaha u jigguramentaha l-ghada fl-ghassa tal-pulizija, u allura ma gietx murija raguni valida fil-ligi ghaliex ir-rikorrent ma kienx legalment assistit. Mid-depozizzjoni ta' dan ix-xhud quddiem l-espert ma jirrizultax li x-xhud kien gie mgharraf bid-dritt tieghu li jkollu avukat qabel ma jikkonferma dak li inqarlu mill-espert. Meta r-rikorrent irrilaxxja l-istqarrija fl-ghassa tal-pulizija, kemm l-espert kif ukoll l-ispettur, kellhom evidenza bizzejjed

sabiex jindunaw li r-rikorrent seta' kien kriminalment responsabbli ghall-incident u ghalhekk f'dak l-istadju kellha tigi pprovduta assistenza legali.

28. Fid-dawl tal-premess, peress li eventwalment gie deciz li ma jittiehdux passi kriminali kontra r-rikorrent, il-lezjoni tad-dritt ta' smigh xieraq tar-rikorrent ma tistax tikkonfigura, stante li din tista' issehh biss wara ezami tal-proceduri kriminali fl-intier taghhom fil-kaz li jigu istitwiti, u ghalhekk din il-Qorti ser tillimita ruhha billi a skans ta' ekwivoci tordna li jekk fil-futur jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent ghall-incident de quo, m'ghandu jsir ebda uzu minnha.

29. Fir-rigward hija flokha l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kaz fl-ismijiet *Graziella Attard vs Avukat Generali*[9] li:

> "Il-qorti tqis illi l-ordni li stqarrija titnehha mill-inkartament, aktar milli rimedju ghal ksur li, wara kollox, ghadu ma sehhx, huwa garanzija tal-integrita` tal-process u wkoll fl-interess pubbliku biex ma jigrix li process kontra l-attrici jkollu jithassar wara li jintemm, b'hela ta' hin u rizorsi, li tkun forma ohra ta' ingustizzja ghax il-ligijiet ghandhom iharsu mhux biss lil min hu mixli b'reat izda wkoll lil min jista' jkun vittma ta' reat."

30. Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju mhux gustifikat u tichdu principalment stante d-decizjoni tal-Avukat Generali li ma jittihdux passi kriminali kontra r-rikorrent; izda, kif fuq spjegat, din il-Qorti ser tordna ghal kull buon fini li fil-kaz li eventwalment jittiehdu passi kriminali

[9] Q.Kos. 83/2016 deciza 27 ta' Settembru 2019 para.18

kontra r-rikorrent ghall-akkadut, ma jsirx uzu minn dik l-istqarrija f'dawk il-proceduri.

*It-tieni aggravju:* *[l-intimat l-Avukat Generali rrifjuta li jghaddi kopja tal-procès verbal lir-rikorrent]*

31. Ir-rikorrent filwaqt li jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-intimat l-Avukat Generali agixxa skond il-ligi, jinsisti li l-Artikolu 518 tal-Kodici Kriminali citat mill-ewwel Qorti ghandu jinqara flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u mal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Ighid li hu principju stabbilit sew li l-prosekuzzjoni ghandha tghaddi l-evidenza migbura lill-akkuzat u jiccita s-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Rowe and Davis v. The United Kingdom.** Jirrileva li l-intimat l-Avukat Generali ma ressaq l-ebda raguni sabiex jiggustifika r-rifjut tieghu b'dana li fil-kaz odjern ma kienx jirrizulta almenu li kien hemm il-htiega li tigi mharsa s-sigurta` nazzjonali minn pregudizzju jew li kienet ser titqieghed il-hajja ta' xhud fil-perikolu.

32. Min-naha tieghu l-intimat l-Avukat Generali jispjega li l-Artikolu 518 qabel l-emendi li gew fis-sehh permezz tal-Att XIII tal-1980 kien ihaddan il-principju li l-atti u d-dokumenti tal-qorti ta' gustizzja kriminali ma jintwerewx u lanqas ma jigi rilaxxjati kopji jekk mhux bil-permess tal-Qorti. Dan ghajr ghall-partijiet fil-kawza u lill-avukat taghhom. L-emendi

msemmija taw id-diskrezzjoni lill-Avukat Generali sabiex fejn jidhirlu xieraq jaghti kopji tal-procès verbal u tax-xhieda u tad-dokumenti mdahhlin fih. B'referenza ghad-dibattitu tal-Kamra tad-Deputati tas-seduta numru 379 tas-7 ta' April 1980, partikolarment ghal dak li ntqal mill-Ministru ta' dak iz-zmien, l-intimat l-Avukat Generali spjega l-hsieb wara l-emendi, jigifieri li ma tinharigx informazzjoni intempestivament bi pregudizzju ghall-prosekuzzjonijiet. Fil-kaz odjern, kopja tal-procès verbal giet rilaxxjata lir-rikorrent noe fit-28 ta' Dicembru 2015 u galadarba ma gewx istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tieghu ma kien hemm l-ebda ksur tad-dritt tas-smigh xieraq.

33. L-ewwel Qorti mill-ewwel tghid li l-ilment tar-rikorrent mhux gustifikat. Tispjega r-raguni taghha b'referenza ghall-Artikolu 518 minn fejn jirrizulta li l-intimat l-Avukat Generali kien qed jimxi skond il-ligi.

34. Din il-Qorti tirreferi ghall-konsiderazzjonijiet taghha maghmula fl-ezami tal-aggravji precedenti, u tirribadixxi li, ladarba ma ittihdux u skond dak deciz mill-Avukat Generali mhux ser jittiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghall-akkadut, l-ilment tar-rikorrent li hu sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq ghax ma inghatax tempestivament kopja tal-procès verbal, huwa legalment u fattwalment insostenibbli.

35. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tikkunsidra dan l-aggravju mhux gustifikat u tichdu.

*Decide*

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tiddisponi mill-appell tar-rikorrent billi tichdu; izda ghal kull buon fini tordna li fil-kaz li eventwalment jittiehdu passi kriminali kontra r-rikorrent ghall-akkadut, ma jsirx uzu minn dik l-istqarrija f'dawk il-proceduri.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjern ikunu a kariku tar-rikorrent.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr

# Appendici A

Kopja tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali), Rikors Numru 89/15MH fl-ismijiet **Av Larry Formosa noe v. Avukat Generali** deciza fil-15 ta' Frar 2019 qieghdha tigi hawn annessa biex tifforma parti integrali minn din l-odjerna sentenza u qed tigi mmarkata bhala Appendici A.